



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 183/24

il-Lussemburgu, 22 ta' Ottubru 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-652/22 | Kolin İnşaat Turizm Sanayi ve Ticaret

L-operaturi ekonomiċi ta' pajjiż terz li ma jkunx ikkonkluda ftehim internazzjonali mal-Unjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi ma jistgħux jinvokaw l-ugwaljanza fit-trattament f'dan il-qasam

Fl-assenza ta' ftehim internazzjonali konkluż bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiż terz fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, l-operaturi ekonomiċi ta' dan il-pajjiż terz ma jistgħux jinvokaw dispożizzjonijiet tad-direttiva rilevanti f'dan il-qasam¹ biex ikunu jistgħu jipparteċipaw fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku fl-Unjoni fuq il-bażi tal-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikati għall-offerenti tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi terzi li jkollhom tali ftehim. Barra minn hekk, fid-dawl tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni, l-awtoritajiet nazzjonali ma humiex awtorizzati japplikaw, għall-operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi li ma jkunux ikkonkludew tali ftehim internazzjonali mal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu r-regoli inklużi f'din id-direttiva.

Entità kontraenti Kroata fetħet proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura ferrovarja li tgħaqqad żewġt ibliet fil-Kroazja. Kolin İnşaat Turizm Sanayi ve Ticaret (Kolin), kumpannija stabbilita fit-Turkija, ikkontestat il-legalità tad-deċiżjoni tal-għoti tal-kuntratt pubbliku lil offerent ieħor. Fil-kuntest ta' dan ir-rikors, il-qorti nazzjonali kompetenti talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tippreċiża ċ-ċirkustanzi li fihom, wara l-iskadenza tat-terminu għall-preżentazzjoni tal-offerti, l-entitajiet kontraenti jistgħu, abbażi tad-direttiva rilevanti fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, jitolbu lill-offerenti jagħmlu korrezzjonijiet jew jiċċaraw l-offerta inizjali tagħhom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tad-domanda magħmulha lilha.

Hija tirrileva li l-Unjoni hija marbuta ma' ċerti pajjiżi terzi permezz ta' ftehimiet internazzjonali, b'mod partikolari l-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-Akkwisti Pubbliċi (FAP), li jiggarantixxi, b'mod reċiproku u ugwali, l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi għall-kuntratti pubbliċi. Għalhekk, skont id-direttiva applikabbli għall-kuntratt pubbliku inkwistjoni f'dan il-każ, l-entitajiet kontraenti tal-Istati Membri għandhom jagħtu lill-operaturi ekonomiċi tal-pajjiżi terzi li huma partijiet għal tali ftehim trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lill-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni. L-operaturi ekonomiċi ta' dawn il-pajjiżi terzi jistgħu jinvokaw dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva.

Għall-kuntrarju, **l-operaturi ekonomiċi tal-pajjiżi terzi li, bħat-Turkija, ma jkunux ikkonkludew tali ftehim internazzjonali mal-Unjoni** ma jistgħux jipparteċipaw fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku fl-Unjoni billi jinvokaw l-ugwaljanza fit-trattament fir-rigward tal-offerenti tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi terzi li jkollhom tali ftehim. Bl-istess mod, huma **ma jistgħux jinvokaw dispożizzjonijiet tad-direttiva rilevanti fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi sabiex jikkontestaw id-deċiżjoni tal-għoti tal-kuntratt pubbliku kkonċernat.**

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-kwistjoni dwar l-aċċess ta' operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi għall-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi fl-Istati Membri taqas f'qasam li fih **l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva**. Għaldaqstant, f'dak li jirrigwarda dan l-aċċess, l-Istati Membri ma humiex awtorizzati li jilleġiżlaw jew jadottaw atti legalment vinkolanti ta' portata ġenerali, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx adottat atti applikabbli f'dan il-

qasam.

Fil-assenza ta' tali att, hija l-entità kontraenti li għandha tevalwa, każ b'każ, jekk ikunx hemm lok li operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi li ma jkunux ikkonkludew ftehim internazzjonali mal-Unjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi jingħataw aċċess għal proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku. Fil-każ li tali operatur ekonomiku jikkontesta l-iżvolġiment tal-proċedura, ir-rikors tiegħu jkun jista' jiġi eżaminat biss fid-dawl tad-dritt nazzjonali u mhux fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni.

Fir-rigward ta' dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li **l-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux jeżiġu mill-awtoritajiet kontraenti li japplikaw għall-operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi li ma jkunux ikkonkludew ftehim internazzjonali mal-Unjoni d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu r-regoli inklużi fid-direttiva dwar il-kuntratti pubbliċi.**

Konsegwentement, hija tiddikjara **t-talba għal deċiżjoni preliminari bħala inammissibbli.**

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, jagħmlu domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, jekk ikun il-każ, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Direttiva 2014/25/UE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE.